**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 381/22**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Maria Assunta Camilleri**

**Illum 27 ta' Ġunju 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet[1] dedotti fil-konfront ta' **Maria Assunta Camilleri**, bint Rosario Galdes u Maria Dolores neè Azzopardi, imwielda l-Pietà fit-30 ta' Mejju 1986, residenti Prisma, Triq Adeodato Gatt, Zebbuġ, u detentriċi tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 245586(M), talli f'dawn il-Gżejjer Maltin, fid-19 ta' Lulju 2021 u matul ix-xhur u snin ta' qabel din id-data b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi jew dispożizzjonijiet relatati tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Wegħdet, tat jew offriet, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantaġġ mhux xieraq lil xi persuna oħra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaċi li jagħmlu xi influenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeċiedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli preċedenti fis-sub-titolu IV tat-Taqsima 2 ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali u ta' xi persuna oħra, sabiex iġġiegħel lil dik il-persuna oħra teżerċita dik l-influenza, sew jekk dak il-vantaġġ mhux xieraq ikun għal dik il-persuna oħra jew għal xi ħadd ieħor, bi ksur ta' l-Artikolu 121A(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Irrendiet ruħha kompliċi billi offriet, tat jew aċċettat li tagħti rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor lill-uffiċjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu, u li għalihom l-uffiċjal jew impjegat pubbliku ma kellux jedd, bi ksur ta' l-Artikoli 115 u 120(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[1] Fol. 354 u 355 tal-proċess.

3. Talli ittentat li tħajjar lil uffiċjal jew impjegat pubbliku biex jagħmel id-delitt imsemmi fl-Artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, bi ksur ta' l-Artikolu 120(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti, f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lil Maria Assunta Camilleri tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni a fol. 3 u 4 tal-proċess;

Rat illi l-imputat wieġbeta li ma hijiex ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha[2];

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Wayne Borg mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Settembru 2022[3] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "WB1" sa' Dok. "WB6" a fol. 16 sa' 43 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Marie Claire Tabone[4], in rappreżentanza ta' Melita Limited, u ta' Pierre Montebello[5], in rappreżentanza ta' Transport Malta, mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Ottubru 2022 u rat id-dokument esebit minn Maria Claire Tabone markat Dok. "MT" a fol. 46 tal-proċess u d-dokumenti esebiti minn Pierre Montebello markati Dok. "PM" sa' Dok. "PM4" a fol. 53 sa' 159 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Stephania Calafato Testa, Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, mogħtija waqt is-seduti tat-8 ta' Novembru 2022[6] u tas-26 ta' April 2023[7] u rat id-dokumenti esebit minnha markati Dok. "SC" a fol. 166 u 167 tal-proċess u Dok. "SCT" a fol. 283 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PS1240 Joseph Camilleri[8], PC1563 Jerome Attard Flores[9], ta' Alan Borg[10], in rappreżentanza ta' Transport Malta, u ta' Sheila Marie Cutajar[11], in rappreżentanza ta' Theory Testing Centre, mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2022 u rat id-dokumenti esebiti minn Alan Borg markati Dok. "AB" sa' Dok. "AB13" a fol. 174 sa' 235 tal-proċess u d-dokument esebit minn Sheila Marie Cutajar markat Dok. "SMC" a fol. 238 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Charmaine Zammit[12], in rappreżentanza ta' Epic Communications Limited, u ta' Mark Bruno Olivier[13], in rappreżentanza ta' Theory Testing Centre, mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Novembru 2022 u rat id-dokument esebit minn Charmaine Zammit markat Dok. "CZ" a fol. 241 tal-proċess u d-dokumenti esebiti minn Mark Bruno Olivier markati Dok. "MBO1" sa' Dok. "MBO3" a fol. 245 sa' 247 tal-proċess, rat in-Nota tal-Prosekuzzjoni ppreżentata fis-7 ta' Marzu 2023 a fol. 255 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Dr. Katya Vassallo mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' April 2023[14] u rat it-traskrizzjoni ta' l-istqarrija rilaxxata mill-imputata markata Dok. "KV" a fol. 261 sa' 279 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Tekniku Dr. Martin Bajada mogħtija waqt is-seduti ta' l-1 ta' Ġunju

[2] Fol. 11 tal-proċess.
[3] Fol. 12 sa' 15 tal-proċess.
[4] Fol. 45 tal-proċess.
[5] Fol. 47 sa' 52 tal-proċess.
[6] Fol. 164 u 165 tal-proċess.
[7] Fol. 282 tal-proċess.
[8] Fol. 168 u 169 tal-proċess.
[9] Fol. 170 u 171 tal-proċess.
[10] Fol. 172 u 173 tal-proċess.
[11] Fol. 236 u 237 tal-proċess.
[12] Fol. 240 tal-proċess.
[13] Fol. 242 sa' 244 tal-proċess.
[14] Fol. 260 tal-proċess.

2023[15], tas-26 ta' Ġunju 2023[16] u tal-31 ta' Awwissu 2023[17] u rat ir-Relazzjonijiet tiegħu markati Dok. "MB" a fol. 289 sa' 302 tal-proċess, Dok. "MB" a fol. 306 sa' 349 tal-proċess u Dok. "MB" a fol. 363 tal-proċess;

Rat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 28 ta' Awwissu 2023[18], permezz ta' liema bagħat lill-imputata sabiex tiġi ġġudikata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikoli 121A(1) u 121A(3) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 115 u 120(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 120(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 18, 31 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li waqt is-seduta tal-31 ta' Awwissu 2023[19], il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex aktar provi xi tressaq u l-imputata ddikjarat li ma għandhiex oġġezzjoni li l-każ tagħha jiġi trattat bi proċedura sommarja; Inqraw l-Artikoli;

Rat li b'Digriet mogħti fit-8 ta' Jannar 2024[20] ġie ordnat, fuq talba tad-Difiża, li jitħejja Social Inquiry Report fil-konfront ta' l-imputata;

Semgħet ix-xhieda ta' l-Uffiċjal tal-Probation Joseph Mizzi mogħtija waqt is-seduta tal-21 ta' Mejju 2024[21] u rat is-Social Inquiry Report fil-konfront ta' l-imputata imħejji minnu markat Dok. "JM" a fol. 372 sa' 385 tal-proċess;

Rat li waqt is-seduta tal-21 ta' Mejju 2024[22], l-imputata rreġistrat ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tagħha, liema ammissjoni ġiet minnha ikkonfermata wara li l-Qorti wissietha bl-implikazzjonijiet legali ta' tali ammissjoni u tatha biżżejjed żmien sabiex tirrikonsidra l-posizzjoni tagħha u terġa' lura minnha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputata qed tiġi mixlija talli f'dawn il-Gżejjer Maltin, fid-19 ta' Lulju 2021 u matul ix-xhur u snin ta' qabel din id-data b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi jew dispożizzjonijiet relatati tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (1) wegħdet, tat jew offriet, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantaġġ mhux xieraq lil xi persuna oħra li tasserixxi jew tikkonferma

[15] Fol. 287 u 288 tal-proċess.
[16] Fol. 304 tal-proċess.
[17] Fol. 361 u 362 tal-proċess.
[18] Fol. 358 u 359 tal-proċess
[19] Fol. 360 tal-proċess.
[20] Fol. 365 tal-proċess.
[21] Fol. 370 u 371 tal-proċess.
[22] Fol. 369 tal-proċess.

li huwa jew hija jkunu kapaċi li jagħmlu xi influenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeċiedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli preċedenti fis-sub-titolu IV tat-Taqsima 2 ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali u ta' xi persuna oħra, sabiex iġġiegħel lil dik il-persuna oħra teżerċita dik l-influenza, sew jekk dak il-vantaġġ mhux xieraq ikun għal dik il-persuna oħra jew għal xi ħadd ieħor; (2) irrendiet ruħha kompliċi billi offriet, tat jew aċċettat li tagħti rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor lill-uffiċjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu, u li għalihom l-uffiċjal jew impjegat pubbliku ma kellux jedd; (3) talli ittentat li tħajjar lil uffiċjal jew impjegat pubbliku biex jagħmel id-delitt imsemmi fl-Artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, bi ksur ta' l-Artikolu 120(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Inizjalment l-imputata wieġbet li ma hijiex ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha.

Permezz ta' Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 28 ta' Awwissu 2023[23], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputata sabiex tiġi ġġudikata minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikoli 121A(1) u 121A(3) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 115 u 120(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 120(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 18, 31 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Waqt is-seduta tal-21 ta' Mejju 2024, l-imputata rreġistrat ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tagħha. Fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti għandha ssib lill-imputata hekk ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontriha, salv għat-tielet imputazzjoni dedotta kontriha li kjarament hija alternattiva għat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħha.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati ammessi mill-imputata iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li għandha fedina penali netta, dak osservat u konkluż mill-Uffiċjal tal-Probation Joseph Mizzi fis-Social Inquiry Report imħejji fir-rigward ta' l-imputata, senjatament li *l-imputata hija ġenwina u għandha tirrelaizza li ċertu azzjonijiet mhux permessibbli li jsiru u ma taqbiżx il-limiti. Jidher li Maria Assunta hija mara għaqlija li żżomm il-familja magħquda u hija punt ta' riferiment għall-familjari. Għaldaqstant hija għandha tuża l-kapaċitajiet tagħha u tapplikahom b'mod tajjeb għal żvilupp ħolistiku tal-familja. Hija għandha ssaħħaħ is-self esteem tagħha għax għandha rwol importanti fl-ambjent tal-familja u bl-imġieba tagħha għandha tgħaddi eżempju tajjeb lill-oħrajn, filwaqt li żżomm fi ħsiebha l-konsegwenzi qabel twettaq xi azzjoni. Hija għandha tgħin lin-neputijiet ikunu kapaċi jindirizzaw il-problemi tagħhom minn jeddhom sabiex jilħqu maturità u karattru sod. Minn dawn il-proċeduri Maria Assunta għandha titgħallem li ma tistax tuża l-flus biex tabbuża jew tqarraq bis-sistema. Min-naħa l-oħra m'għandhiex tħalli dawn il-proċeduri jtellfulha l-*

[23] Fol. 358 u 359 tal-proċess

*istabilità tagħha u għandha tibqa' ffukata fuq il-familja u l-iżbalji tal-passat ma jkunux ripetuti.* Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputata iddikjarat li hija lesta li tiddeponi fi kwalunkwe proċeduri fl-eventwalità li tiġi hekk mitluba u li t-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputata hija alternattiva għat-tieni imputazzjoni dedotta kontriha u li t-tieni imputazzjoni dedotta kontra l-imputata hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni dedotta kontriha.

Għaldaqstant il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputata in kwantu alternattiva għat-tieni imputazzjoni dedotta kontriha, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 18, 31, 42(b), 43, 115, 120(1) u 121A(1)(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputata ħatja, fuq ammissjoni tagħha stess u anke a bażi tal-provi prodotti, ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjoni dedotti fil-konfront tagħha iżda, peress illi l-Qorti hija sodisfatta li fiċ-ċirkostanzi tal-każ skond kif jirriżultaw mis-Social Inquiry Report imħejji fil-konfront ta' l-imputata, kif ukoll fid-dawl tal-karattru ta' l-imputata, is-sorveljanza tagħha minn Uffiċjal tal-Probation hija mixtieqa fl-interess li jiġi protett il-pubbliku u sabiex jiġi prevenut l-għemil ta 'reati oħra da parte ta 'l-imsemmi imputata, a tenur ta' l-Artikolu 7(1)(2) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta tqiegħed lill-imputata taħt Ordni ta' Probation għall-perijodu ta' sentejn (2) mid-data ta' din is-sentenza, taħt dawk it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet relattiv maħruġ illum, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A termini ta 'l-Artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta 'Malta, il-Qorti spjegat lill-imputata bi kliem li hija tifhem, x'inhuma l-effetti ta 'l-Ordni ta 'Probation imposta fuqha bid-Digriet mogħti llum stess, u li jekk hija tonqos milli tikkonforma ruħha ma 'tali Ordni ta 'Probation jew tagħmel xi reat ieħor waqt il-perijodu ta 'tali Ordni, hija tista' tingħata sentenza għar-reati mertu ta 'dawn il-proċeduri.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja tal-Probation Order tingħata lill-imputata kif ukoll tiġi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputata tħallas lir-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali s-somma €101.20[24] rappreżentanti spejjeż inkorsi in konnessjoni man-nomina ta' l-Avukat Dr. Alexandra Mamo u s-somma komplessiva ta' €967.60[25] rappreżentanti spejjeż inkorsi in konnessjoni man-nomina u l-estensjoni ta' l-inkarigu ta' l-Espert Tekniku Dr. Martin Bajada, komplessivament ammontanti għal **€1,068.80**.

L-imputata għandha tħallas is-somma komplessiva ta' €1,068.80 permezz ta' tnax-il rata mensili konsekuttiva ta' €89.07 il-waħda sal-ħlas tas-somma intiera imsemmija. L-ewwel rata ta' €89.07 issir dovuta u pagabbli fil-31 ta' Lulju 2024 u r-rimanenti rati susseġwenti u konsekuttivi ta' €89.07 il-waħda sal-ħlas intier tas-somma ta' €1.068.80, isiru dovuti u pagabbli fl-aħħar ġurnata ta' kull xahar susseġwenti u konsekuttiv. Kemm-il darba l-imputata tonqos milli tħallas imqar rata' waħda mir-rati mensili hawn imposti fuqha, is-somma ta' €1,068.80 jew kwalunkwe bilanċ

[24] Fol. 280 tal-proċess.
[25] Fol. 294 u fol. 310 tal-proċess.

dovut minnha ssir dovuta u pagabbli fl-intier tagħha b'mod immedjat u kemm-il darba l-ammont dovut jibqa' ma jitħallasx mill-imputata, jiskattaw fil-konfront tagħha l-provvedimenti ta' l-Artikolu 533(2) jew (3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 370(6) u 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza u ta' l-Ordni ta' Probation maħruġ fil-konfront ta' l-imputata anness magħha u formanti parti integrali minnha.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**